**16 ta' Jannar, 1965**

**Imħallef:**

**Onor. Dr. Edoardo Magri, LL.D.**

Taddeo Cutajar

*versus*

Marianna mart Carmelo Muscat, et.

**Spoll Privileġġjat — Eċċezzjoni Petitorja — Azzjoni Possessorja — Pussess.**

*F'azzjoni ta' spoll il-pussess li jiġi tutelat m'hemmx bżonn li jkun il-pussess b'titolu ta' proprietà jew ta servitù, imma huwa biżżejjed pussess kwalunkwe, anki purament materjali u "di fatto".*

*L-iskoll jeżisti anki meta jkun hemm privazzjoni parzjali tal-pussess.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur — premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti meħtieġa — peress illi l-kontendenti huma proprietarji ta' żewġ għelieqi attigwi f'"Tal-Hofra", St George's Street, Gudja; u peress illi l-konvenuti f'dawn l-aħħar xahrejn abusivament u bil-moħbi ta' l-attur għalqu bil-ġebel biċċa mill-bieb li jservi ta' dħul għall-għalqa ossia ġardina ta' l-attur, b'mod li mblukkaw nofs il-wisa' ta' dan il-bieb fuq in-naħa tal-għalqa ossia ġardina tal-konvenuti u issa l-attur m'għadux jista' aktar jagħmel użu minnu kif kien qabel u b'hekk il-konvenuti kkommettew spoll vjolent u privileġġjat għad-dannu ta' l-attur — talab li l-konvenuti għar-raġunijiet premessi, jiġu kundannati li fi żmien qasir u perentorju jirrimuovi l-ġebel li bnew u jiftħu l-bieb imsemmi tal-għalqa ossia ġardina ta' l-attur għall-wisa' ordinarju tiegħu, u jagħmlu kollox kif kien qabel, u (2) fin-nuqqas l-attur ikun awtorizzat jagħmel hu x-xogħol meħtieġ bi spiża tal-konvenuti taħt id-direzzjoni, jekk hemm bżonn, ta' perit li jiġi għal dan il-fini nominat mill-Qorti, bl-ispejjeż;

OMISSIS;

Ikkunsidrat:

Li l-azzjoni eżerċitata mill-attur hija dik ta' spoll privi-

leġġjat, u tinsab motivata mill-fatt li huwa jippretendi li l-konvenuti f'dawn l-aħħar xahrejn qabel il-kawża abusivament u bil-moħbi ta' l-attur għalqu bil-ġebel biċċa mill-bieb li jservi ta' dħul għall-għalqa ossia ġardina tiegħu, b'mod li mbtukkaw nofs il-wisa' ta' dana l-bieb fuq in-naħa tal-għalqa tal-konvenuti; u għalhekk huwa jinsab impedit li jagħmel użu mill-bieb u mill-passaġġ kif kien jagħmel qabel.

Il-konvenuti rrespinġew dina l-pretensjoni ta' l-attur billi tra altro allegaw li l-attur bena l-ħajt in kwistjoni u għalhekk fetaħ il-bieb, fuq l-art tagħhom, u għalhekk bl-ostruzzjonijiet minnhom ammessi, huma jippretendu li ma ikkommettew ebda spoll a karigu ta' l-attur.

OMISSIS;

Ikkunsidrat:

OMISSIS;

Li, milli jidher, m'hemmx kontestazzjoni dwar l-ostruzzjonijiet magħmula mill-konvenuti fil-bieb u l-passaġġ in kwistjoni, iżda l-konvenuti jippretendu li kellhom id-dritt jagħmluhom għaliex l-attur bena l-ħajt u fetaħ il-bieb fuq l-art tagħhom.

Li, il-meritu ta' dina l-kontroversja jinsab ġa dedott mill-konvenuti, b'azzjoni "ad hoc" f'kawża oħra pendenti quddiem dina l-Qorti, u billi l-istess Qorti b'digriet tagħha ġa fuq riferit tal-21 ta' Ottubru. 1964, ċaħdet it-talba għat-trattazzjoni kontestwali, għax deħrilha li mhux permess li jiġi konfus il-petitorju mal-possessorju — illum mhuwiex aktar il-każ li f'dina l-kawża l-Qorti teżamina l-eċċezzjoni ta' natura petitorja tal-konvenuti, li hija l-oġġett ta' kawża anologa u distinta minn dik li trid tiġi deċiża llum, li hija ta' natura

essenzjalment possessorja.

Li, l-allegazzjoni tal-konvenuti li l-attur mhuwiex intitolat li jitlob ir-reintegrazzjoni tal-pussess tal-passaġġ, għaliex huwa kkommetta spoll a karigu tagħhom, billi invada l-art tagħhom, bil-bini tal-ħajt in kwistjoni, ma tistax tiġi mismugħa u konsiderata f'dina l-kawża, għaliex huwa risaput li: "*Il convenuto in giudizzio di spoglio non può riconvenire* l-attore domandado la manutenzione e deducendo il suo possesso legittimo del fondo" (Kollez. XXIV, i, 276; P.A. in re "Preca v. Irving" deċiża fis-6 ta' Ottubru, 1964).

Li, huwa elementari li f'materja ta' pussess, li l-pussess li trid il-liġi fl-ispoljat għal finijiet ta' l-azzjoni ta' reintegrazzjoni m'hemmx bżonn ikun pussess b'titolu ta' proprietà jew ta' servitù, imma huwa biżżejjed pussess kwalunkwe, anki purament materjali u di fatto; purchè l-attur jipprova li għandu dana l-pussess (Kollez. XXXVII, i, 280).

Li, ġie infatti pruvat li l-attur għandu l-pussess tal-passaġġ in kwistjoni mhux biss mix-xhieda, iżda wkoll millprova kontrattwali ġa fuq riferita; u għalhekk ma jistax jingħad li l-konvenuti bl-egħmil tagħhom mhumiex ħatja ta' spoll għaliex għamlu ostruzzjonijiet fil-bieb a fil-bidu tal-passaġġ. *Il-bieb fil-ħajt in kwistjoni ġie magħmul mill-attur* biex jista' jgħaddi għal fuq il-passaġġ traċċjat fl-iskizz tal-Perit Gaston Bianchi (fol: 22); ġie wkoll provat li dana l-passaġġ ma ġiex spustat wara l-apertura tal-imsemmi bieb, u li minnu baqgħa jgħaddi l-attur anki wara li bena l-ħajt.

Li, l-konvenuti jippretendu li huma għalqu bil-ġebel parti biss tal-bieb in kwistjoni; iġifieri li għall-parti rimanenti tal-bieb l-attur ma sofra ebda spoll. Però jidher evidenti li bil-parti tal-bieb li baqgħet miftuħa l-attur ma jistax jisserva komodament u żgur li minnha ma jistax igħaddi

bil-bhima. Issa ġie ritenut fid-duttrina u fil-ġurisprudenza li "qualunque sia il risultato degli atti violenti o clandestini, importino cioè la privazione totale o parziale del possesso, vi ha sempre spoglio" (Ricci, Corso Teorico. Pratico di Dto. Civ. Vol. V, para. 103, paġ. 169; Kollez. XX, ii, 368; XXXVII, ii, 642).

Għal dawna l-motivi:

Tiddeċiedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur u tipprefiġġi lill-konvenuti żmien ġimgħa mil-lum biex ineħħu l-ġebel mill-bieb u mill-passaġġ in kwistjoni; u fin-nuqqas tawtorizza lill-attur jagħmel hu x-xogħlijiet meħtieġa bi spejjeż tal-konvenuti taħt id-direzzjoni tal-Perit Gaston Bianchi.

L-ispejjeż iħallsuhom il-konvenuti.